DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1210

tat-22 ta' Lulju 2021

dwar miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana taħt il-Faċilità Ewropea għall-Paċi fl-2021

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1), u 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 ([1]), ġiet stabbilita Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) għall-finanzjament mill-Istati Membri tal-azzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni biex tinżamm il-paċi, jiġu pprevenuti l-konflitti u tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 21(2), punt (c), tat-Trattat. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 1(2), punt (b)(ii), tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-EPF tista' tiffinanzja miżuri ta' assistenza biex tappoġġa l-aspetti militari tal-operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi mmexxija minn organizzazzjoni reġjonali jew internazzjonali.

(2) Il-miżuri ta' assistenza taħt l-EPF jistgħu jieħdu l-forma ta' miżura speċifika jew ta' programm ġenerali għal appoġġ b'fokus ġeografiku jew tematiku partikolari.

(3) Il-Kunsill jagħraf l-importanza strateġika kontinwa tas-Sħubija Afrika-UE għall-Paċi u s-Sigurtà, skont l-Istrateġija Konġunta Afrika-UE, b'mod partikolari l-qafas ta' kooperazzjoni stabbilit skont il-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika (APF) u r-rwol ewlieni tal-Unjoni Afrikana (UA) fiż-żamma tal-paċi u s-sigurtà fil-kontinent Afrikan kif speċifikat fl-Artikolu 16 tal-Protokoll relatat mal-istabbiliment tal-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-Unjoni Afrikana. Il-Kunsill jibqa' impenjat għall-bini tal-kapaċitajiet tal-Unjoni Afrikana f'dan il-qasam, billi jipprovdi assistenza għal operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi mmexxija mill-Afrika u jsaħħaħ l-Arkitettura Afrikana għall-Paċi u s-Sigurtà lejn l-operazzjonalizzazzjoni sħiħa tagħha, f'konformità mal-Memorandum ta' Qbil bejn l-Unjoni Ewropea u l-Unjoni Afrikana dwar il-Paċi, is-Sigurtà u l-Governanza tat-23 ta' Mejju 2018, kif ukoll lejn is-sostenn ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni stabbiliti, b'mod partikolari approċċ integrat imsejjes fuq is-sħubija, il-konsultazzjoni u l-koordinazzjoni strateġika msaħħa.

(4) Jenħtieġ li tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel tal-appoġġ tal-Unjoni mill-APF għall-EPF permezz tal-adozzjoni ta' miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-UA, li jkopri t-tieni nofs tal-2021 (il-'Miżura ta' Assistenza'). Huwa mistenni li l-Miżura ta' Assistenza tiġi segwita minn appoġġ ulterjuri għall-Unjoni Afrikana għall-perijodu 2022-2024. Programm ġenerali jippermetti l-għoti kontinwu ta' finanzjament affidabbli u prevedibbli għal operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi mmexxija mill-Afrika b'mandat jew awtorizzati mill-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-UA, filwaqt li jiżgura wkoll il-flessibbiltà neċessarja għal reazzjoni effettiva u effiċjenti għall-iżviluppi ta' konflitti fil-kontinent Afrikan. Huwa mistenni li l-azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza jkunu jistgħu jiġu implimentati minn entitajiet li għandhom esperjenza fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet taħt l-APF. Azzjonijiet taħt din il-miżura ta'assistenza ser jiġu implimentati b'kont meħud tal-prinċipji u r-rekwiżiti stabbiliti fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 u f'konformità mar-Regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u l-infiq taħt l-EPF.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14).

(5) Permezz tal-ittra tagħha ta' Ġunju 2021 indirizzata lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli"), l-UA talbet lill-Unjoni biex tipprovdi appoġġ kontinwu mill-1 ta' Lulju 2021 'il quddiem għall-operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi mmexxija mill-Afrika b'mandat jew awtorizzati mill-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-UA.

(6) Il-Kunsill jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tiegħu li jipproteġi, jippromwovi u jissodisfa d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi, biex isaħħaħ l-istat tad-dritt u l-governanza tajba f'konformità mal-Karta tan-Nazzjoniiet Uniti, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u d-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Stabbiliment, objettivi u kamp ta' applikazzjoni

1. Miżura ta' assistenza li tieħu l-forma ta' programm ġenerali ta' appoġġ għall-Unjoni Afrikana hija b'dan stabbilita, li tiġi ffinanzjata mill-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) (il-'Miżura ta' Assistenza'). Il-Miżura ta' Assistenza għandha tiffinanzja azzjonijiet approvati mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) qabel il-31 ta' Diċembru 2021.

2. L-objettivi tal-Miżura ta' Assistenza huma li titnaqqas l-inċidenza, id-durata u l-intensità ta' konflitti vjolenti fl-Afrika u li jissaħħaħ ir-rwol tal-Unjoni Afrikana (UA) fir-rigward tal-paċi u s-sigurtà fil-kontinent Afrikan.

3. Biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 2, il-Miżura ta' Assistenza għandha tiffinanzja l-aspetti militari tal-operazzjonijiet ta' appoġġ għall-paċi mmexxija mill-Afrika b'mandat jew awtorizzati mill-Kunsill tal-Paċi u s-Sigurtà tal-UA.

Artikolu 2

Approvazzjoni ta' appoġġ għall-azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza

1. F'konformità mal-Artikolu 59(7) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-appoġġ għal kwalunkwe azzjoni taħt il-Miżura ta' Assistenza għandu jkun preċedut minn talba mill-Kummissjoni tal-UA bħala l-benefiċjarju tal-Miżura ta' Assistenza (il-'benefiċjarju').

2. Wara talba kif imsemmi fil-paragrafu 1, ir-Rappreżentant Għoli, wara konsultazzjoni mal-amministratur għall-miżuri ta' assistenza maħtur skont id-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 (l-'amministratur għall-miżuri ta' assistenza') fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' implimentazzjoni finanzjarja, għandu jippreżenta rakkomandazzjoni għall-eżami u l-approvazzjoni mill-KPS, li tiddeskrivi l-appoġġ propost, inkluż il-baġit għalih, l-entità jew l-entitajiet magħżula fost dawk elenkati fl-Artikolu 5(2) ta' din id-Deċiżjoni li jimplimentaw l-appoġġ propost, u konsiderazzjonijiet relatati mas-sensittività għall-konflitti u l-analiżi tar-riskji, kif ukoll miżuri għall-monitoraġġ u l-kontroll kif imsemmi fl-Artikolu 6 ta' din id-Deċiżjoni, kif meħtieġ.

Artikolu 3

Arranġamenti finanzjarji

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-Miżura ta' Assistenza għandu jkun ta' EUR 130 000 000. F'konformità mal-Artikolu 29(5) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-amministratur għall-miżuri ta' assistenza jista' jagħmel sejħa għal kontribuzzjonijiet wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, sa EUR 104 000 000, safejn il-fondi disponibbli għall-miżuri ta' assistenza jkunu suffiċjenti biex jiffinanzjaw il-pagamenti fl-2021. Il-fondi li għalihom għamel sejħa l-amministratur għandhom jintużaw biss biex titħallas in-nefqa fil-limiti approvati mill-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 fil-baġit emendatorju tal-2021 li tikkorrispondi għall-miżura ta' assistenza.

2. In-nefqa kollha għandha tiġi ġestita f'konformità mar-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa ffinanzjata taħt l-EPF.

3. In-nefqa relatata ma' azzjonijiet approvati għall-implimentazzjoni taħt il-Miżura ta' Assistenza għandha tkun eliġibbli għal finanzjament għal 60 xahar mill-1 ta' Lulju 2021.

Artikolu 4

Arranġamenti mal-benefiċjarju

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jagħmel l-arranġamenti neċessarji mal-benefiċjarju biex jiżgura l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti u l-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill, inkluż il-konformità mad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, bħala kondizzjoni għall-għoti ta' appoġġ taħt il-Miżura ta' Assistenza.

2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-benefiċjarju jiżgura:

(a) l-użu xieraq u effiċjenti tal-assi kollha pprovduti taħt il-Miżura ta' Assistenza għall-finijiet li għalihom ikunu ġew ipprovduti;

(b) il-manutenzjoni suffiċjenti tal-assi kollha pprovduti taħt il-Miżura ta' Assistenza biex tiġi żgurata l-użabilità tagħhom u d-disponibbiltà operazzjonali tagħhom matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;

(c) li l-assi kollha pprovduti taħt il-Miżura ta' Assistenza mhux ser jintilfu, jew jiġu ttrasferiti mingħajr il-kunsens tal-Kumitat tal-Faċilità stabbilit skont id-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 lil persuni jew entitajiet oħra għajr dawk identifikati f'dawk l-arranġamenti, fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom jew mal-iskadenza jew it-terminazzjoni tal-Miżura ta' Assistenza.

3. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-appoġġ taħt il-Miżura ta' Assistenza f'każ li l-benefiċjarju jinstab li jkun kiser l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 2.

4. L-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandu jikkonkludi ftehim ta' finanzjament mal-benefiċjarju li jkopri l-Miżura ta' Assistenza. L-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandhom jinformaw lill-Kumitat stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 bil-ftehim li jrid jiġi konkluż.

Artikolu 5

Implimentazzjoni

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun responsabbli li jiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, u mar-Regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u n-nefqa taħt l-EPF u b'mod konsistenti mal-Qafas Metodoloġiku Integrat għall-valutazzjoni u l-indentifikazzjoni tal-miżuri u l-kontrolli meħtieġa għall-miżuri ta' assistenza taħt l-EPF.

2. L-azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza kif imsemmija fl-Artikolu 2 jistgħu jiġu implimentati kompletament jew parzjalment minn kwalunkwe waħda mill-entitajiet li ġejjin, inkluż permezz ta' għotjiet li jistgħu jingħataw mingħajr sejħa għal proposti:

(a) il-Kummissjoni tal-UA;

(b) l-Unjoni tal-Magreb Għarbi;

(c) il-Komunità tal-Istati tas-Saħel-Saħarjani;

(d) is-Suq Komuni għall-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar;

(e) il-Komunità tal-Afrika tal-Lvant;

(f) il-Forza ta' Intervent fil-Pront tal-Afrika tal-Lvant;

(g) il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika Ċentrali;

(h) il-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent;

(i) l-Awtorità Intergovernattiva dwar l-Iżvilupp;

(j) il-Kapaċità Reġjonali tal-Afrika ta' Fuq;

(k) il-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika;

(l) il-G5 tas-Saħel;

(m) il-Kummissjoni tal-Baċir tal-Lag Chad;

(n) l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem;

(o) is-Segretarjat tan-NU;

(p) l-Uffiċċju tas-Servizzi tal-Proġetti tan-NU;

(q) l-Uffiċċju ta' Appoġġ tan-NU fis-Somalja

(r) tali ministeri, dipartimenti tal-Gvern tal-Istati Membri, jew korpi u aġenziji tal-liġi pubblika oħra, jew korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku, kif stabbilit fl-Anness, sa fejn dawn tal-aħħar jingħataw garanziji finanzjarji adegwati.

3. L-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandu jikkonferma l-kapaċità ta' entità speċifika li timplimenta azzjoni jew parti minnha qabel l-approvazzjoni ta' appoġġ għall-azzjoni mill-KPS.

Artikolu 6

Monitoraġġ, evalwazzjoni u kontroll

1. Miżuri għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-kontroll ta' azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza għandhom jiġu stabbiliti b'mod konsistenti mal-Qafas Metodoloġiku Integrat għall-valutazzjoni u l-identifikazzjoni tal-miżuri u l-kontrolli meħtieġa għall-miżuri ta' assistenza skont l-EPF.

2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, għandhom iservu b'mod partikolari biex jiżguraw il-konformità tal-benefiċjarju u ta' kwalunkwe entità oħra li tibbenefika direttament mill-appoġġ taħt il-Miżura ta' Assistenza mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u mad-dritt umanitarju internazzjonali, kif ukoll il-konformità tal-benefiċjarju ma' kwalunkwe impenn u obbligu ieħor stabbilit taħt l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 4.

3. Skont l-appoġġ approvat għal azzjoni taħt il-Miżura ta' Assistenza, il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu l-monitoraġġ tal-progress fir-rigward tal-kondizzjonijiet u l-punti ta' riferiment miftiehma mal-benefiċjarju, l-istabbiliment u l-monitoraġġ ta' oqfsa ta' konformità tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali u r-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta, il-kontroll tal-assi wara l-konsenja biex jiġi żgurat l-użu xieraq u tiġi evitata d-devjazzjoni, u l-identifikazzjoni ta' strateġiji ta' diżimpenn u ta' ħruġ.

Artikolu 7

Sospensjoni u terminazzjoni

1. F'konformità mal-Artikolu 64 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, il-KPS jista' jiddeċiedi li jissospendi jew itemm l-appoġġ għal azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza, jew li jissospendi l-miżura ta' assistenza kollha, fuq it-talba ta' Stat Membru jew tar-Rappreżentant Għoli, fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk il-benefiċjarju jkun qed jikser l-obbligi tiegħu skont id-dritt internazzjonali, b'mod partikolari d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, jew jekk ma jissodisfax l-impenji meħuda taħt l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 4;

(b) jekk il-kuntratt ma' attur responsabbli mill-implimentazzjoni jkun ġie sospiż jew mitmum wara ksur tal-obbligi tiegħu skont il-kuntratt;

(c) jekk is-sitwazzjoni fiż-żona ġeografika ta' thassib ma tibqax tippermetti li l-miżura tiġi implimentata filwaqt li jiġu żgurati garanziji suffiċjenti;

(d) jekk l-insegwiment tal-miżura ma jibqax jaqdi l-objettivi tiegħu jew ma jibqax fl-interess tal-Unjoni.

F'każijiet urġenti u eċċezzjonali, ir-Rappreżentant Għoli jista' b'mod proviżorju jissospendi kompletament jew parzjalment l-implimentazzjoni tal-Miżura ta' Assistenza sakemm tittieħed deċiżjoni mill-KPS.

2. Il-KPS jista' jirrakkomanda lill-Kunsill it-terminazzjoni tal-Miżura ta' Assistenza.

Artikolu 8

Konsistenza tal-azzjoni tal-Unjoni

F'konformità mal-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, għandha tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza u azzjonijiet oħra fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni u miżuri taħt strumenti f'oqsma oħra tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, kif ukoll politiki oħra tal-Unjoni, inkluż l-Approċċ Integrat għall-konflitti esterni u l-kriżijiet.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2021.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
G. DOVŽAN

ANNESS

Lista tal-ministeri, id-dipartimenti tal-gvern, u l-korpi u l-aġenziji tal-liġi pubblika l-oħra tal-Istati Membri, u korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku li jkunu ngħataw garanziji finanzjarji adegwati, li jistgħu jimplimentaw kompletament jew parzjalment azzjonijiet taħt il-Miżura ta' Assistenza: [1]

— Deutsche Gesellschaft für Internationale Zusammenarbeit

— Expertise France

[1] Din il-lista tirrelata biss mal-miżuri ta' assistenza stabbiliti bid-Deċiżjoni, u ma tipprekludix il-possibbiltà li jiġu ddeżinjati entitajiet oħra għal miżuri ta' assistenza futuri, inkluż dawk li jieħdu l-forma ta' programm ġenerali.